**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Guramentat Nru: 753/2021GG**

**Pierre Tonna (217075M)**

**vs**

**Dr Duncan Borg Myatt (44578M), Joanna Calleja (94790M) u ghal kull interess lijista' jkollha s-socjeta' Malta Freeport Terminals Ltd (C-27581)**

**Kawza Nru: 6**

Illum 30 t'Ottubru, 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Guramentat ta' Pierre Tonna**[1], ippreżentat quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-30 ta' Lulju 2021, bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi huwa impjegat mal-Malta Freeport Terminals Ltd ghal dawn l-ahhar tlettax il- sena *ossia* mill-2008.

2. Illi mill-2015 `l hawn huwa hadem fi rwol ta' Maintenance li kellu l-Grad ta' E fl-istruttura tal- Malta Freeport Terminals Ltd.

[1] Fol. 1 sa 9

3. Illi huwa jsofri minn certu kundizzjonijiet ta'sahha li ma jippermettulux jahdem fl-gholi jew jopera makkinarju tqil u li min-natura tieghu stess hu perikoluz.

4. Illi bhala 'principal' li jhaddem in-nies mieghu, l-Malta Freeport Terminals Ltd ghandu l-obbligu li jipprovdi 'a safe system of work' u li jkun diligenti u prudenti bizzejjed sabiex ma jigrux incidenti fuq il-post tax-xoghol u/jew iweggghu l-haddiema tieghu.

5. Illi minbarra dan, il-ligi taghna tghid ukoll illi "Il-prinċipali għandhom jipprovdu akkomodazzjoni raġonevoli għal persuni b'diżabilità. B'mod partikolari, il-prinċipali għandhom jieħdu miżuri adatti biex jippermettu lil persuna b'diżabilità li jkollha aċċess għal, tipparteċipa, jew tavvanza fl-impieg, jew li titħarreġ, sakemm dawn il-miżuri ma jkunux jimponu piż sproporzjonat fuq il-prinċipal.

6. Illi Dr Duncan Borg Myatt huwa d-Director Human Resources, Health & Safety, Quality tal-Malta Freeport Terminals Ltd, filwaqt li Joanna Calleja hija Human Resources Manager tal-istess Malta Freeport Terminals Ltd.

7. Illi l-intimati huma ben konxji tal-kundizzjonijiet li jsofri minnhom ir-rikorrent, u dan peress li r-rikorrent ha hsieb jipprovdilhom numru ta' certifikati mahruga mill-konsulenti medici tieghu fejn gie specifikament rakkomandat lilhom li r-rikorrent ghandu jevita li jitla' jahdem fl-gholi jew li jopera

makkinarju tqil, u dan ghal gid tieghu stess u kif ukoll ghal gid tal-kollegi tieghu.

8. Illi tant u hekk illi meta fis-sena 2020 l-intimati kienu ordnaw lir-rikorrent sabiex jibda jaghmel xoghol ta' 'Equipment Operator D u forklifter 2.5 Tonner u 5 Tonner' li fost doveri ohra kien jinvolvi li huwa jitla fl-gholi, dak iz-zmien huma kienu bidlu l-ordnijiet taghhom fir-rigward propju ghar-raguni li gew prezentati lilhom certifikati medici tal-konsulent tar-rikorrent bil-konferma illi huwa kien qieghed isofri minn kundizzjoni medika li ma tippermettilux jitla fl-gholi.

9. Illi din id-diagnosi sahansitra giet ikkonfermata mit-tabib mqabbad mill- Malta Freeport Terminals ltd stess.

10.Illi minkejja dan kollu, gara li f'gunju tal-2021 l-konvenuti regghu ghal darba ohra ordnaw lir-rikorrent sabiex imur jahdem gewwa 'restricted area' f'rwol li jinvolvi li r-rikorrent irid jitla fl-gholi u jopera makkinarju tqil *ossia* bhala 'Equipemnt Operator fi-Grad D'.

11. Illi tramite r-rapprezentant legali tieghu, r-rikorrent gibed l-attenzjoni tal-intimati fir-rigward ir-riskju li tali decizjoni kienet ser igib maghha kemm ghalih personali kif ukoll ghal haddiema l-ohra kollegi tieghu, u dan minhabba l-kundizzjonijiet medici tar-rikorrent surreferiti.

12. Illi, tajjeb li jinghad illi ftit ta' zmien qabel dan l-avveniment, ir-rikorrent kien ghadu kif ressaq ilment dwar agir diskriminatorju fil-konfront tieghu fir-rigward il-fatt illi beda jigi mgieghel jahdem shifts 'back-to-back' minkejja li l-ftehim kollettiv kien jipprovdi li l-impjegat ghandu joffri <u>volontarjament jekk iridx</u> jinqabad ghax-xoghol fil- 'back-to-back'.

13. Illi minkejja li sehh skambju bejn l-intimati u rapprezentant legali tar-rikorrent fir-rigward, l-intimati kienu intransigenti ghall-ahhar, tant li l-anqas biss wiegbu ghal l-ahhar kommunikazzjoni da parte tar-rapprezentant legali tar-rikorrent.

8. Illi l-intimati stqarrew li sar process ta' ristrutturar fejn gie deciz li jickien il-'cleaning department' u li r-rikorrent gie maghzul ma ohrajn sabiex jigi trasferit go dipartiment iehor fi Grad D bhala 'Equipment Operator'.

9. Illi l-intimati jiggustifikaw din l-azzjoni billi fost ragunijiet ohra, jghidu li dan l-ezercizzju ta' ristrutturar kellu jsir minhabba l-fatt li r-rikorrent u xi haddiema ohra bhalu, ma kienux qed jaccettaw li jwettqu d-doveri kollha li bdew jigu ordnati li jaghmlu, u kif ukoll li dejjem skond l-intimati, r-rikorrent u xi whud ohra kienu jaghzlu huma dak li jaghmlu jew li ma jaghmlux.

10. Illi minkejja li l-intimati kellhom l-opportunita kollha li jzommu lir-rikorrent fejn kien, jew li jsibulu post alternattiv li ma jkunx perikoluz ghal-sahhtu jew sahhet haddiehor, huma ghazlu li jpogguh fuq 'sick leave' minghajr ma biss imqar jesploraw xi forma

ta' akkomodazzjoni ragjonevoli, hekk kif huma mitluba mill-ligi li jaghmlu.

11. Illi dan kollu sehh minkejja li l-ftehim kollettiv vigenti jghid illi *"Id-decizjoni tat-tabib tal-Kumpanija tkun finali dment li ma jigix ipprezentat mod iehor minn specjalista."*

12. Illi dan l-agir diskriminatorju u abbuziv qieghed johloq pregudizzju serju lir-rikorrent, u dan ghaliex il-fatt li ma jirrapurtax ghax-xoghol, jista' jkun ta' detriment ghas-sahha mentali tieghu u kif ukoll ser ikollu mpatt negattiv serju hafna fuq il-qaghda ekonomika tieghu u tal-familja tieghu.

13. Illi minn naha tieghu ir-rikorrent talab lil intimati sabiex minn tal-inqas jikkunsidraw rwoli ohra fejn huwa jkun jista' jahdem minghajr periklu ghalieh u/jew ghal haddiehor u sahansitra identifika rwol iehor li fil-fehma tieghu kien appropjat, izda l-intimati rrifjutaw li jaghmlu kwalunkwe sforz sabiex jakkomodawh minghajr raguni valida fil-ligi.

14. Illi xi snin ilu l-legislatur Malti dahhal fis- seħħ regolamenti li jagħtu seħħ lid-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi tal-Kunsill 76/207/KEE, 2000/78/KE, 2000/43/KE, 2002/73/KE u 2006/54/KE sabiex izid, u jtejjeb ir-rimedji li kienu jezistu qabel kull min jispicca vittma ta' xi diskriminazzjoni fuq il-post tax-xoghol permezz tal-Kap 456 artikolu 19 subinciz 1[2], u kif ukoll permezz tal-ligi sussidjarja 452.95 *inter alias* dak kontemplat taht l-

artikolu 10 fejn jinghad illi " *2)Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (1), persuna li tallega li xi persuna oħra tkun għamlet fir-rigward tiegħu jew tagħha xi att illegali taħt dawn ir-regolamenti għanda, fi żmien erba' xhur mill-allegat ksur, ikollha d-dritt li tirrikorri quddiem il-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni ċivili u hemm titlob lill-qorti biex tordna lill-konvenut biex jieqaf iwettaq dak l-att illegali u, meta dan ikun japplika, tordna l-ħlas ta' kumpens għal dawk id-danni li tkun sofriet minħabba f'dak l-att illegali."*

14. Illi dawn ir-rimedji huma ntizi biex jaghtu lil qorti l-fakulta li tipprovdi 'interim measure' bhala rimedju wiesgha ferm aktar mir-rimedju offrut tramite il- mandati kawtelatorji li jinsabu fil- Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan ghaliex permezz ta' dawn ir-rimedji, l-qorti tista' taghti ordnijiet *Di Fare* u mhijiex ristretta li tista' taghti biss ordnijiet *Di Non Fare* bhal ma effettivament tkun hekk ristretta li taghmel perezempju fil-mandat ta' inibizzjoni.

15. Illi ghal kull buon fini l-istess rikorrent Pierre Tonna (217075M) bil-gurament tieghu jiddikara li huwa jaf bil-fatti hawn esposti personalment.

GHALDAQSTANT, ghar-ragunijiet suesposti, u prevja li jinghataw dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li huma xierqa u opportuni, tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Primarjament u stante l-urgenza tal-kaz tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex b'mod provvizzorju:

1) jiddeżistu milli jkomplu jiddiskriminaw kontra r-rikorrent u/jew ikomplu jwettqu atti illegali fil-konfront tieghu hekk kif fuq deskritt;
2) jipprovdu lir-rikorrent akkomodazzjoni ragjonevoli billi jdahhluh lura ghax-xoghol f'kariga u b'doveri li ma jkunux ta' periklu ghalih u/jew ghal haddiehor minghajr mar-rikorrent jispicca jsofri ebda telf ekonomiku; Sussegwentement u b'mod definittiv:

3)tiddikjara li l-intimati jew min minnhom aggixxew bi ksur tal-ligi u b'mod diskriminatorju mar-rikorrent;

4) tiddikjara li l-intimati jew min minnhom kellhom l-obbligu li jakkomodaw lir-rikorrent u kif ukoll li tali akkomodazzjoni ma kienetx ser tohloq piż sproporzjonat fuq il-principal;

5) tordna lill-intimati jew min minnhom li fil-futur ghandhom jibqghu jipprovdu akkomodazzjoni ragjonevoli lir-rikorrent skond il-ligi, dejjem sakemm dawn il-miżuri ma jkunux jimponu piż sproporzjonat fuq il-prinċipal;

6)tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrent;

7) tillikwida kumpens ragjonevoli u kif ukoll id-danni sofferti mir-rikorrent;

8) tordna li jsir il-ħlas tal- kumpens u tad-danni hekk likwidati in forza tat-talba precedenti għal dik il-ħsara u ghad-danni li r-rikorrent ġarrab minħabba l-atti illegali u/jew diskriminatorji mwettqa mill-intimati jew min minnhom.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tas-17 ta' Frar 2021 (**Dok. A**) u tal-iskambji elettronici sussegwenti **(Dok. B)**, kontra l-intimati li minn issa qeghdin jigu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti[3] annessi mar-Rikors Guramentat.

Rat ir-**Risposta Guramentata tal-konvenut Dr. Duncan Borg Myatt**[4], ippreżentata quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-13 ta' Settembru 2021, li permezz taghha wiegeb

1. Illi preliminarjament l-intimat l-Avukat Duncan Borg Myatt mhux il-legittimi kontradittur f' din il-kawza stante illi huwa jokkupa il-kariga ta' Director HR fi hdan is-socjeta Malta Freeport Terminals Limited, li qed tigi intimata wkoll f'din il-kawza u cioe huwa impjegat ta' din il-kumpannija u li jirraporta lil Kap Ezekuttiv.

2. Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandu jiccara u jispjega fuq liema bazi 'ghazel' lil li jharrek lill- intimat minn kumpannija ta' 850 impjegat u jekk hux biss ghax jokkupaw pozizzjoni fi hdan il-Human Resources Department.

3. Illi prelimarjament u in konsegwenza ta' l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari, l-initmat l-Avukat Borg Myatt ma jista

[3] Doki. A sa E, fol. 10 sa 24
[4] Fol. 29 sa 30

qatt jiehu jew anke sahansitra iwettaq'/jadirixxi azzjoni wahdu anke fuq ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti meta huwa biss impjegat u mhux xi azjzjonist jew direttur tal-bord tal-kumpannija u m'ghandu l-ebda dritt jew setgha li jaghti certu ordnijiet jekk mhux konformi mas-socjeta intimata.

4. Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandu jispecifika u jikkjarifika lejn min huma indirizzati t-talbiet u taht liema provizjonijiet tal-ligi stante illi dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba sabiex tiddeciedi provizorjament fuq certu talbiet indirizzati lejn is-socjeta intimaa kif ukoll fil-kontront ta' l-intimati f'talbiet ohra.

5. Illi minghajr pregudizzju ghall eccezzjonijiet preliminari u fil-mertu, l-esponenti tecepixxi illi l-talbiet tar-rikorrenti huma infondati sia fil-fatt kif ukoll fid-dritt kif ser jigi spjegat tul il-kawza u li din il-kawza partikolarment fil-konfront taghha personali mhi xejn hlief ezercizzju vessatorju u fastidjuz bhala impjegata fi hdan id-Dipartiment tal-Human Resources.

6. Illi r-rikorrenti jaghzel u jmur lil hinn mill-verita fattwali partikolarment fuq il-kundizzjoni medika tar-rikorrenti kif ukoll fuq dak li gie offrut mis-socjeta intimata, kif ser jigi muri permezz ta' dokumentazzjoni u xhieda fil-mori tal-kawza.

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-**Risposta Guramentata tal-konvenuta Malta Freeport Terminals Limited**[5], ippreżentata quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-13 ta' Settembru 2021, li permezz taghha wiegbet

> Ill preliminarjament ghandu jiġi ċċarat u kjarifikat is-sehem tas-socjeta intimata stante illi hija intimata ghal kull interess li jista jkollha.
>
> Illi preliminarjament ghandu jiġi kkjarifikat liema talbiet huma indirizzati lejn is-socjeta intimata u taht liema provvediment tal-ligi qed jintalab li din l-Onorabbli Qorti taghti deċiżjoni proviżorja.
>
> Illi r-rikorrenti huwa impjegat tas-socjeta intimata filwaqt illi z-zewg intimati l-ohra u cioe l-Avukat Borg Myatt u Joanna Calleja huma impjegati taghha.
>
> Illi minghajr preġudizzju ghall eċċezzjonijiet preliminari u fil-mertu, s-socjeta' esponenti tecepixxi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati sia fil-fatt kif ukoll fid-dritt kif ser jiġi spjegat tul il-kawza.
>
> Illi dak permess mir-rikorrenti huwa totalment inveritier u jmur lil hinn mill-verita fattwali partikolarment fuq il-kundizzjoni medika tar-rikorrenti kif ukoll fuq dak li gie offrut mis-socjeta intimata, kif ser jiġi muri permezz ta' dokumentazzjoni u xhieda fil-mori tal-kawza.

---

[5] Fol. 31 sa 32

Salv eċċezzjonijiet oħra

Rat ir-**Risposta Guramentata tal-konvenuta Joanne Calleja**[6], ippreżentata quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-13 ta' Settembru 2021, li permezz tagħha wiegbet:4

Illi preliminarjament l-intimata Joanna Calleja mhux il-legittimi kontradittur f'din il-kawza stante illi tokkupa il-kariga ta' Manager HR fi hdan is-socjeta Malta Freeport Terminals Limited, li qed tiġi intimata wkoll f'din il-kawza u cioe hija impjegata ta' din il-kumpannija u li tirrapporta lil Director HR.

Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandu jiċċara u jispjega fuq liema bażi 'ghazel' li jharrek lill-intimata minn kumpannija ta' 850 impjegat u jekk hux biss ghax tokkupa pożizzjoni fi hdan il-Human Resources Department.

Illi preliminarjament u in konsegwenza ta' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari, l-intimata Joanna Calleja ma tista qatt tiehu jew anke sahansitra twettaq/taderixxi azzjoni wahidha anke fuq ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti meta huwa biss impjegat u mhux xi azzjonist jew direttur tal-bord tal-kumpannija u m'ghandu l-ebda dritt jew setgha li jaghti ċertu ordnijiet jekk mhux konformi mas-socjeta intimata.

Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandu jispeċifika u jikkjarifika lejn minn huma indirizzati t-talbiet u taht liema

[6] Fol. 33 sa 34

proviżorjament fuq ċertu talbiet indirizzati lejn is-socjeta intimata kif ukoll fil-konfront ta' l-intimati f'talbiet ohra.

Illi minghajr preġudizzju ghall eċċezzjonijiet preliminari u fil-mertu, l-esponenti jecepixxi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati sia fil-fatt kif ukoll fid-dritt kif ser jiġi spjegat tul il-kawza u li din il-kawza partikolarment fil-konfront tieghu personali mhu xejn hlief eżerċizzju vessatorju u fastidjuz bhala impjegat responsabbli mill-Human Resources.

Illi r-rikorrenti jaghzel u jmur lil hinn mill-verita fattwali partikolarment fuq il-kundizzjoni medika tar-rikorrenti kif ukoll fuq dak li gie offrut mis-socjeta intimata, kif ser jiġi muri permezz ta' dokumentazzjoni u xhieda fil-mori tal-kawza.

Salv eċċezzjonijiet ohra.

Rat il-bqija tad-dokumenti pprezentati fl-atti.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xiehda li nstemghet mill-Qorti, diversament presjeduta, u mill-Assistent Gudizzjarju taghha Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar.

Semghet lill-bqija tax-xhieda mressqa quddiemha.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet.

**Ikkunsidrat li:**

1. Din hija azzjoni li l-attur qed iressaq quddiem il-Qorti ordinarja, fit-termini tar-**Regolament 10(2)** tar-Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjiegi (L.S.452.95). Il-mertu ta' din l-azzjoni huwa dwar jekk jirrizultax pruvat l-ilment tal-attur li l-konvenuti, jew min minnhom, kisru l-ligi tal-impjiegi u ddiskriminaw kontrieh meta

rrifjutaw li jakkomodawh f'xoghol alternattiv, kif xtaq hu, fil-post tax-xoghol immexxi mill-kumpanija konvenuta, wara r-rizultanti medici li waslu ghandha dwaru matul is-snin 2020 u 2021. F'kaz affermattiv, din il-Qorti trid tikkunsidra t-telf li garrab l-attur, u li huwa marbut bil-kawzalita', ma' dak il-ksur min-naha tal-konvenuti, jew min minnhom, biex tasal ghal-likwidazzjoni tad-danni u ghall-kundanna taghhom, jew min minnhom, biex ihallas lill-attur.

3. B'din il-kawza, ghalhekk, l-attur qed ifittex lil zewg ufficjali gholja tal-principal tieghu – Malta Freeport Terminals Ltd – li jmexxu s-sezzjoni tar-rizorsi umani fi hdan l-istess kumpanija, minhabba allegata diskriminazzjoni perpetrata minnhom ghad-dannu tieghu fuq il-post tax-xoghol. L-attur jghid li kien certifikat mit-tabib inkarigat mill-principal bhala li jbati minn kundizzjonijiet medici li ma jippermettulux ikompli jwettaq ix-xoghol assenjat lillu, u minkejja dan, il-konvenuti personalment kisru l-ligi, u agixxew b'diskriminazzjoni kontra tieghu, meta ma ppermettewlux iwettaq xoghol differenti mal-istess principal, minkejja li dan it-tibdil ma kien ser johloq ebda piz spoporzjonat ghall-kumpanija, li hija msejha wkoll fil-gudizzju, bhala konvenuta, ghal kull interess li jista' jkollha. Minhabba f'hekk, l-attur jistenna li din il-Qorti ghandha tordna lill-konvenuti jakkomodaw lill-attur, u wkoll issibhom responsabbli ghad-danni li garrab bi htijiet taghhom, tillikwida l-istess danni, u tikkundannahom ihallsuh s-somma hekk likwidata;

2. In succint, il-konvenuti Dr. Duncan Borg Myatt u Joanne Calleja jeccepixxu li mhumiex legittimi kuntraditturi billi dak kollu li wettqu fil-kors tal-impjieg taghhom mal-konvenuta l-ohra Malta Freeport Terminals Ltd ghamluh ghan-nom u in rapprezentanza ta' dik il-kumpanija, u jichdu li wettqu xi diskriminazzjoni, jew kisru l-ligi, fil-konfront tal-attur. Fil-mertu, anke l-konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd tichad li kisret il-ligi, jew agixxiet b'mod diskriminatorju, fil-konfront tal-attur. It-tlett konvenuti eccepew ukoll li l-fatti dwar il-kundizzjoni medika tal-attur mhumiex kif spjegati minnu, imma kif ser jirrizulta f'din il-kawza.

3. Ghall-kompletezza, din il-Qorti f'dan l-istadju ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel zewg talbiet tal-attur ghal decizjoni provvizorja dwar l-ilmenti tieghu, u dana peress li l-Qorti ghandha issa l-provi u s-sottomissjonijiet kollha tal-partijiet dwar il-

mertu, u hija f'qaghda li tghaddi ghad-decizjoni taghha dwar l-istess mertu.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

4. Fl-affidavit[7] tieghu, l-attur iddikjara li dahal jahdem mal-kumpanija konvenuta Malta Freeport Terminals Limited fl-20 ta' Jannar 2008, u li ilu jahdem fis-sezzjoni tal-*Maintenance*, fi Grad E, sa mis-sena 2015. Qal li jbati minn kundizzjonijiet medici li ma jhalluhx jahdem fl-gholi, u lanqas jopera makkinarju tqil, u li minkejja li avza lill-principali tieghu, u pprovdielhom certifikati medici li jikkonfermaw dan, l-ewwel il-konvenut Dr. Borg Myatt ordnalu jahdem bhala *Equipment Operator D* u *forklifter 2.5 Tonner* u *5 Tonner*, u mbaghad il-konvenuti bidlu l-ordnijiet taghhom. Skond l-attur, f'Gunju 2021, il-konvenut Dr. Borg Myatt rega' ordnalu jahdem fir-*restricted area* fi rwol li jinvolvi tlugh fl-gholi u thaddim ta' makkinarju tqil, u meta rega' fakkar lill-konvenuti Borg Myatt u Calleja fic-certifikazzjonijiet medici li kellu, dawn insistew fuq l-ordnijiet taghhom.

5. Skond l-attur, dan ma kienx l-ewwel incident li fih sofra diskriminazzjoni b'rizultat tal-agir tal-konvenuti. Jghid li, qabel dan, kellu jirrikorri ghall-assistenza legali ghaliex dawn kienu ordnawlu jahdem *shifts back-to-back* minkejja li, skond il-Ftehim Kollettiv, dan it-tip ta' xoghol seta' jsir b'ghazla tal-impjegat, u mhux b'imposizzjoni fuqu.

6. L-attur imbaghad jilmenta li l-konvenuti Borg Myatt u Calleja kienu ggustifikaw it-trasferiment tieghu minhabba li, wara ristrutturar, kienu cekknu l-*cleaning department*. Dan wassal biex hu ntbaghat f'dipartiment iehor fi *Grad D* bhala *Equipment Operator*. Skond l-attur, il-konvenuti Borg Myatt u Calleja kellhom opportunita' jzommuh fejn kien, jew isibulu post alternattiv li ma jkunx ta' perikolu ghal sahhtu u sahhet haddiehor, imma dan m'ghamluhx, u minflok ordnawlu johrog bis-*sick leave*. Skond hu, minhabba fil-kundizzjoni tieghu, dawn kellhom raguni tajba ghalfejn izommuh fejn kien minkejja li kien hemm impjegati li kienu fi grad superjuri ghalih. Skond l-attur ukoll, impjegati ohra fi gradi inferjuri ghalih, u li ma jbatux minn kundizzjonijiet medici, inghataw xoghol li hu seta' jaghmel minghajr periklu ghalih u ghal haddiehor, kieku kien trattat bhalhom.

[7] Dok. PTA1, fol. 43 sa 45

7. L-attur ilmenta li dan l-agir tal-konvenuti wassal biex tilef mill-qligh tieghu, ghal perjodu specifiku konsistenti f'nofs il-paga, u wara l-gheluq tas-*Sick Leave Entitlement*, ghat-telfien tal-paga shiha. Dan kollu qed jikkagunalu hsara mentali b'zieda ma' dik finanzjarja.

8. It-tabib Dr. Pierre Chircop[8], imressaq b'xhud mill-attur, iddikjara li huwa t-tabib mediku inkarigat b'mod generali mis-sahha tal-impjegati tal-konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd. Qal li l-konvenut dahal jahdem mal-konvenuta f'Jannar 2008, u dak iz-zmien, ipprovda certifikazzjoni medika mit-tabib tal-familja tieghu li ma kien ibati mill-ebda kundizzjoni, la dakinhar u lanqas fil-passat. Fil-bidu, hadem bhala operatur tal-makkinarju, jitla' fuq il-*lifters* u jsuq it-trakkijiet il-kbar. Fl-2015, beda jaghmel xoghol ta' *handyman*, u fl-2019 ittestjawh jekk kienx tajjeb biex jahdem fi spazji zghar u maghluqa, u bl-approvazzjoni tat-tabib tal-familja tieghu, ghadda minn dak it-test ukoll. F'Awissu 2020, l-attur ilmenta li kien qed ibati minn stordamenti meta jitla' fl-gholi. F'Gunju 2021, rega' waqaf ghall-istess raguni. Il-kumpanija kienet qed tibza' ghalih, u ghal haddiehor, u fil-frattemp ottjeniet certifikazzjoni medika riferibbli lura ghaz-zmien qabel dahal jahdem maghha, li kien ibati minn *epileptic fits*, u li kien diga' mitlub jevita li jahdem fl-gholi jew b'makkinarju perikoluz. Dan id-dokument kien datat fis-sena 1992, u mbaghad fl-2003 kien certifikat li kellu ansjeta' u attitudni ossessiva, u li minhabba f'hekk htieglu li ma jahdimx bix-xiftijiet. Minn din ic-certifikazzjoni anterjuri, irrizulta wkoll li, fis-sena 2004, kellu bzonn l-ghajnuna ta' psikjatra. Ix-xhud qal li din id-dokumentazzjoni kollha pprezentaha l-attur innifsu. Huwa nsista li, meta ccertifikah tajjeb biex jaghmel ix-xoghol tas-sogru, minn dan kollu kien ghadu ma jaf xejn.

9. Dr. Chircop kompla jghid li, fis-sena 2021, l-attur kien taht il-kura tal-ispjecjalista Mr. Mario Farrugia, u ghalhekk huwa ta parir lill-kumpanija sabiex thallih barra mix-xoghol, sakemm dan il-konsulent jiccertifika li l-attur kien f'qaghda jkompli bix-xoghol normali tieghu. Ic-certifikazzjoni ta' Mr. Farrugia f'Gunju 2021 kienet bil-maqlub, u ghalhekk huwa iccertifikah mhux tajjeb ghax-xoghol fil-Freeport Terminals. F'Awissu 2020, l-attur kien diga' ezaminat mill-konsulent tieghu, li kien ta l-istess djanjosi, u x-xhud ghalhekk kien irrakkomda lill-konvenuta biex thallih barra mix-xoghol.

[8] Ara xiehda, 25.11.2021, fol. 52 sa 58

10. Mis-serje ta' certifikazzjonijiet mediciti mressqa mix-xhud Dr. Chircop[9] waqt id-deposizzjoni tieghu, jirrizulta li:

(i) meta l-attur dahal jahdem mal-konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd, huwa kien certifikat li ma kien ibati mill-ebda kundizzjoni li ttelfu mill-kapacita' li jaghmel ix-xoghol f'sogru li hemm f'dan il-lok. L-anness *questionnaire* dettaljat jeskludi l-kundizzjonijiet medici kollha hlief *'High Blood Pressure'*, u kien iffirmat mill-attur fid-9 ta' Jannar 2008[10];
(ii) fit-2 ta' Ottubru 2003[11], l-attur kien certifikat mill-psikjatra, Dr. Peter Muscat, li jbati minn hafna ansjeta' u mard ta' ossessjoni, li jippeggoraw meta jibdel ir-rutini fil-post tax-xoghol li kellu mal-Maltapost plc, u ghalhekk ghandu jevita li jahdem bix-xift u ghandu jahdem hinijiet fissi. L-istess certifikazzjoni kienet ripetuta fis-26 ta' April 2004[12];
(iii) fil-31 ta' Jannar 2020[13], l-attur kien ezaminat fuq bazi ta' rutina mill-konvenuta, u accetta li ma jbati minn ebda kundizzjoni rilevanti li tqieghdu f'riskji bix-xoghol li kien qed jaghmel;
(iv) l-attur kien pero' certifikat li jbati minn *epileptic fits* mhux frekwenti mill-konsulent Galea Debono fit-12 ta' Gunju 1992, u dan kien irrakkomanda li l-attur ghandu jevita l-gholi u li jahdem b' makkinarju perikoluz[14];
(v) fit-3 ta' Awissu 2020[15], u fl-14 ta' Gunju 2021[16], il-konsulent Mr. Mario Farrugia iccerifika li l-attur ibati minn kundizzjoni kronika ta' sturdamenti, u li minhabba fiha ghandu jevita li jahdem fil-gholi, u li seta' jaghmel xoghol iehor li ma jinvolvix dak is-sogru.

Dr. Chircop tenna li r-rakkomandazzjoni tieghu lill-kumpanija konvenuta, wara dawn iz-zewg certifikazzjonijiet minn Mr Farrugia, kienet li l-attur mhux tajjeb ghax-xoghol li kellu maghha.

11. L-attur ressaq b'xhud tieghu lill-konvenut Dr. Duncan Borg Myatt[17]. Huwa ddikjara li jokkupa l-kariga ta' direttur responsabbli mir-rizorsi umani, affarijiet legali u sahha u sigurta' fuq il-post tax-

---

[9] Ara xiehda, 25.1.2022, fol. 60 sa 72
[10] Dok. PC1, fol. 73 sa 75
[11] Dok. PC4, fol. 79
[12] Dok. PC5, fol. 80
[13] Dok. PC2, fol. 76 sa 77
[14] Dok. PC3, fol. 78
[15] Dok. PC6, fol. 81 sa 82
[16] Dok. PC7, fol. 83 sa 84
[17] Ara xiehda, 25.1.2022, fol. 87 sa 105

xoghol. Fuq sahha u sigurta', il-kumpanija konvenuta timpjega wkoll ufficjal u maniger, li jirrappurtaw lill-konvenut Dr. Borg Myatt.

12. Dr. Borg Myatt qal li xoghlu jinkludi l-ingaggar tal-impjegati, it-terminazzjoni tal-impjieg taghhom, u d-dixxiplina, imma mhux ukoll l-aspetti medici. Id-decizjoni fuq kwistjonijiet medici tehodhom il-kumpanija, dejjem fuq ir-rakkomandazzjoni tat-tabib taghha, jew tal-ispecjalisti, u hu jwettaq l-istruzzjonijiet li jircievi minghandha fir-rigward. Huwa spjega li gie zmien meta l-kumpanija ddecidiet li tnehhi s-sezzjoni tal-*handymen*, fejn kien jahdem l-attur, u biex iwaqqaf id-decizjoni taghha li jkun trasferit f'sezzjoni ohra, huwa pprezentalha c-certifikazzjonijiet antiki, li kienu datati minn ferm qabel ma dahal maghha, u li kienu juru li kien ibati minn kundizzjonijiet medici li minhabba fihom ma setax jahdem bix-xift, u lanqas b'makkinarji ta' sogru. Dr. Borg Myatt iddikjara li, hekk kif ircevihom fis-sena 2021, baghathom lit-tabib tal-kumpanija ghar-rakkomandazzjonijiet tieghu.

13. Fuq talba tal-attur, il-konvenut Borg Myatt ipprezenta elenku tal-haddiema f'ordni ta' *seniority* f'Gunju 2021, u f'Ottubru 2021.[18] F'Gunju 2021, l-attur kien fis-sitt post. F'Ottubru 2021, ma jissemmiex.

14. Inoltre, fuq talba tal-attur, il-konvenut Borg Myatt ipprezenta kopja tal-korrispondenza li ghaddiet bejnu u bejn terzi dwar it-trasferimenti fid-dipartiment tal-manutenzjoni, fejn kien jahdem l-attur[19], u kopja tal-ftehim kollettiv[20].

15. Il-konvenut iddikjara wkoll li l-kumpanija konvenuta ma kellha ebda impjegat li kien akkomodat f'xoghol partikolari minhabba f'xi kundizzjoni medika tieghu.

16. Dwar l-allegazzjoni tal-attur li kien kien assenjat xoghol ta' sogru, u mbaghad il-konvenuti Borg Myatt u Calleja rrevokaw l-ordni u tawh xoghol differenti, il-konvenut Borg Myatt cahad li dan kien il-kaz. Huwa spjega li l-attur kien dahal mal-kumpanija konvenuta bhala xufier tal-ingenji. Eventwalment, harget sejha ghas-sezzjoni tal-*handymen*, applika u ntaghzel. Din is-sezzjoni pero' ma kinetx parti essenzjali mix-xoghol tal-kumpanija konvenuta, u

[18] Dok. DBM1, fol. 106
[19] Dok. DBM2, fol. 107 sa 111
[20] Dok. DBM3, fol. 112 sa 148

fis-sena 2021 iddecidiet li twaqqafha u tassenja x-xoghol lil kuntrattur. Minhabba f'hekk, il-haddiema li kien hemm ingaggati fiha kellhom imorru lura ghall-grad originali taghhom skond il-ftehim kollettiv.

17. Dwar ilment li l-attur kien ghamel fil-passat meta kien ordnat jaghmel xoghol fil-*back-to-back shift*, Dr. Borg Myatt spjega li dan l-arrangament kien jinvolvi tnaqqis tal-mistrieh tal-impjegati. L-impjegati inghataw id-dritt li japplikaw biex ma jahdmux b'dan l-arrangament, u naturalment ma jithallsux tieghu. Sakemm dam jahdem fis-sezzjoni tat-tindif, u qabel ma tfaccat il-marda COVID, dan l-arrangament ma kienx japplika ghall-attur. Meta tfaccat il-COVID u t-tindif kien aktar mehtieg, huwa beda jahdem b'dan l-arrangament ukoll, sakemm talab li johrog minnu. Dan il-hrug tieghu kien ser johloq diffikulta' biex is-sezzjoni tlahhaq max-xoghol li riedet twettaq, u dan minkejja li l-ftehim kollettiv (klawsola 3.7) jghid li dan l-arrangament huwa volontarju. Id-diffikulta' li holoq l-attur, u impjegat iehor, bl-ghazla li ma jahdmux fil-*back-to-back shift*, wasslet lill-kumpanija biex tiddeciedi li ccekken dan id-dipartiment ghal erba' min-nies, fuq perjodu ta' zmien, u t-tmien impjegati l-ohra jkunu ritornati ghall-grad originali taghhom. Billi l-attur ma kienx mal-ewwel erbgha, f'gerarkija ta' *seniority*, allura ntbaghat lura ghall-grad originali tieghu.

18. Il-konvenut Borg Myatt insista li *'c-certifikati kollha tan-nineteen ninety two nineteen ninety four u ma nafx xiex li pprezenta Dr Chircop fejn hemm li jigi specifikat mental problems serji, jiena l-ewwel darba li rajthom u l-ewwel darba li rahom it-tabib ghax ghaddejthomlu jiena, kien wara li nqalghet din il-problema tat-transfer f'email mibghuta mill-kollega l-avukat fejn dan qalli dan ghandu dawn il-history medika kollha.*[21] *Jiena meta rajt dawk l-attachments tal-history medika kollha back dated tan-nineteeen ninety two I was shocked, bghatt ghall-HR manager ghidtilha isma' ghaddieha lit-tabib ghax dawn b'dawn il-kundizzjonijiet kollha li ssemmew illum fic-certifikati ta' Dr Chircop there is no way li jiena ser niehu responsabbilta' li nzommu impjegat hawn gew'*.[22]

19. Il-konvenut Borg Myatt iddikjara [23] car li ma kien hemm ebda thassir ta' decizjonijiet mehuda dwar l-attur min-naha tieghu, jew tad-dipartiment immexxi minnu. Huwa spjega li, f'Awissu 2020, wara li l-attur ipprezenta l-ewwel certifikat tal-konsulent Farrugia,

[21] Ara email, fol. 197 (*tergo*), u 198 et seq.
[22] Fol. 104
[23] Ara xiehda, 17.2.2022, fol. 152 sa 168

thalla jahdem mhux fl-gholi, u kien awtorizzat jahdem biss fuq l-art, imma b'sistema ta' xift, bhall-bqija tal-impjegati fis-sezzjoni tieghu.[24] Dan l-arrangament l-attur kien accettah, u ffirma ghalih. Il-konvenut ipprezenta wkoll estratt mill-*Personal File* li l-konvenuta zzomm dwar l-impjieg tal-attur, liema estratt ikopri l-aspetti medici u dwar ilmenti mressqa minnu.[25] Fuq li s-sezzjoni tal-*handymen* tnaqqas ghal hames impjegati, li kienu jigu ezatt qabel l-attur bis-*seniority*, u mbaghad irrizenja wiehed minnhom u thalla b'erbgha flok iddahhal l-attur, Dr. Borg Myatt qal li dan kien process ghall-gheluq tas-sezzjoni, u ghalhekk ma kienx jaghmel sens li terga' tizdied, ghax il-hsieb kien li s-sezzjoni tkun abolita.

20. Fid-deposizzjoni tieghu quddiem l-Assistent Gudizzjarju[26], il-konvenut Borg Myatt ippuntwalizza li l-attur u impjegat iehor fis-sezzjoni tal-*handymen* kienu qed jirrifjutaw li jaghmlu x-xoghol kollu assenjat lilhom, u jaghzlu x'ma jaghmlux. Inoltre, ma ridux jahdmu bis-sistema ta' *back-to-back shift,* u billi s-sezzjoni kienet tikkomprendi numru zghir ta' haddiema, l-arrangament tax-xoghol ma setax jahdem minghajrhom. L-UHM, li tirraprezenta l-haddiema, hadet vot u nsistiet li l-kumpanija konvenuta tkompli thaddem din is-sezzjoni bis-sistema ta' *back-to-back shift*. F'dawn ic-cirkostanzi, il-kumpanija konvenuta ddecidiet li zzarma din is-sezzjoni bil-mod, u ghalhekk l-ewwel cekknitha. L-attur ma kellux il-hiliet mehtiega biex jaghmel ix-xoghol rikjest meta ccekken id-dipartiment, skond il-fehma tal-*maniger* tieghu. Huwa tenna li, kull minn iccaqlaq minn postu b'mod permanenti, ghamel dan ghaliex applika ghal vakanza li kienet ippublikat il-kumpanija konvenuta, u kien maghzul ghaliha. Il-konvenut ipprezenta diversi dokumenti ohra mill-fajl personali tal-attur mizmum mill-kumpanija konvenuta[27].

21. F'okkazzjoni ohra quddiem l-Assistent Gudizzjarju[28], il-konvenut Borg Myatt ipprezenta lista tax-xoghol li kien jaghmel fis-sezzjoni tal-*handymen*, fi tlett perjodu differenti, u cioe mill-11 ta' Mejju 2015 sal-20 ta' Mejju 2020, mill-20 ta' Mejju 2020 sat-28 ta' Gunju 2021 u mit-28 ta' Gunju 2021 'il quddiem[29]. Ikkonferma li l-attur kien talab, bil-mezz tal-avukat tieghu, li jinghata xoghol li jfittex il-*containers*, pero' ma kien hemm ebda post vakanti f'dak ix-

[24] Dok. DBM4, fol. 169 sa 174
[25] Dok. DBM5, fol. 175 sa 214
[26] Ara xiehda, 17.3.2022, fol. 156 sa 172 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju
[27] Doki. MCC06 u MMC07, fol. 31 sa 147
[28] Ara xiehda, 7.4.2022, fol. 227 sa 234 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju
[29] Dok. MMC13, fol. 202 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju

xoghol, u min spicca minnu ma kienx sostitwit. Fil-frattemp, l-attur qatt ma applika biex jimla xi vakanza ohra li kienet tghodd ghalih.

22. L-attur ipprezenta wkoll erba' decizjonijiet[30] moghtija mit-Tribunal Industrijali dwar ilmenti ta' tkeccijiet ingusti minn impjegati tal-Malta Freeport Terminals Ltd, kontra l-istess kumpanija konvenuta. Fl-erba' decizjonijiet, it-Tribunal Industrijali sab li t-tkeccijiet kienu effettivament ingusti. Dawn id-decizjonijiet jirrigwardjaw terzi mhux parti fil-kawza, u lanqas ma tressqu provi dwar ic-cirkostanzi taghhom, u kif dawn jiswew, jew ghandhom x'jaqsmu, ma' tal-attur.

23. L-attur[31] ipprezenta certifikat mediku redatt mill-konsulent Dr. Mario Farrugia fil-21 ta' Frar 2022[32], li jghid li l-attur huwa tajjeb ghax-xoghol pero' ghandu jevita xoghol fl-gholi u fuq makkinarju kbir ghax jista' jkun ta' periklu ghalih u ghal haddiehor. Huwa pprezenta wkoll kopja tal-*Job Description* li nghata fis-26 ta' Frar 2020[33].

24. Fix-xiehda taghha[34], meta tressqet mill-attur, il-konvenuta Joanne Calleja ddikjarat li hija tokkupa l-kariga ta' *human resources manager* mal-kumpanija konvenuta, u taf lill-attur bhala wiehed mill-impjegati taghha. Hija ddikjarat li fl-2020, is-sezzjoni tal-*handymen* inqalbet bix-xift, pero' l-attur ma riedx jahdem bix-xift. Kien ghalhekk li nghatatlu l-Job Description ta' *Equipment Operator D Fork Lifter*, pero' sussegwentement accetta li jahdem bix-xift, u ghalhekk dik il-*Job Description* ma saritx effettiva sas-sena 2021 meta rega' nghata l-grad originali tieghu ghax sar *redundant* mis-sezzjoni tal-*handymen*.

25. Dwar l-arrangamenti li thaddem il-kumpanija konvenuta meta impjegat taghha jipprezenta prova medika ta' kundizzjoni li ma tippermettilux aktar jaghmel ix-xoghol li jkun qed jaghmel, il-konvenuta Calleja qalet li, f'cirkostanzi bhal dawk, huma jidderiegu lill-haddiema biex jiehdu nota tal-vakanzi li tippublika l-kumpanija,

[30] Doki. MMA sa MMD, fol. 216 sa 233
[31] Ara xiehda, 28.2.2022, fol. 7 sa 8 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju
[32] Dok. MMC1, fol. 3 sa 4
[33] Dok. MMC2, fol. 5 sa 6
[34] Ara xiehda quddiem Assistant Gudizzjarju, 28.2.2022, fol. 9 sa 23 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju

u japplikaw ghal dik jew dawk li jidhrilhom li jkunu tajbin ghall-kundizzjoni taghhom.[35]

26. Il-konvenuta Calleja[36] wiegbet ghal diversi kazijiet ta' mpjegati ohra li l-attur jallega li kienu akkomodati mill-kumpanija konvenuta biex jaghmlu xoghol differenti minn dak li kellhom. Hija pero' cahdet li kienu gew akkomodati b'dak il-mod. Hija insistiet li min iccaqlaq, ghamel dan ghaliex ha grad jew kariga differenti wara li applika ghal xi sejha milli kienet harget il-konvenuta.

27. L-istess Calleja[37] pprezentat l-avviz dwar post battal fis-sezzjoni tal-*handymen stores*, li ghaliha applika Desmond Busuttil[38]. Ghar-rigward tal-attur, hija qalet li rceviet talba minghand l-avukat tieghu biex jircievi bil-posta elettronika avvizi dwar posti vakanti li jghoddu ghalih, u hi qed tibghathomlu kif talab. Hija pprezentat dokumentazzjoni li turi li l-attur kien skuzat milli jaghmel xoghol bil-*powerwash* minhabba li pprezenta certifikat mediku dwar kundizzjoni temporanja li kienet tinvolvi lil spalltu[39]. Dwar jekk l-attur jistax jerga' lura ghax-xoghol, wiegbet li l-attur qatt ma kellu jidhol fil-kariga li dahal fiha mal-kumpanija konvenuta minhabba l-kundizzjonijiet medici li kien ibati minnhom qabel dahal f'dak l-impjieg, u li dwarhom il-kumpanija ma kinetx mgharrfa. Prezentement, ma hemmx posizzjoni vakanti ghal xoghol ta' *handyman*, u ghalhekk lanqas dak ix-xoghol ma jista' japplika li jaghmel, oltre li jinvolvi obbligi tax-xoghol li hu certifikat li ma jistax jaghmel, u oltre wkoll li qatt ma applika biex jaghmlu.

28. L-attur ipprezenta l-*payslips* tieghu ghaz-zmien bejn l-14 ta' Gunju 2021 u t-3 ta' Ottubru 2021[40], flimkien ma' avvizi ta' vakanzi ghal xoghol ta' *operations clerk*[41], *duty manager*[42] u *planner-yard*[43] mal-kumpanija konvenuta, u xi dokumenti ohra. Aktar tard, kienu prezentati aktar *payslips* tieghu.[44]

[35] Fol. 18 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju
[36] Ara xiehda quddiem Assistent Gudizzjarju, 17.3.2022, fol. 148 sa 155 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju
[37] Ara xiehda, 23.2.2022, fol. 190 sa 199 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju
[38] Doki. MMC08 sa MMC09, fol. 179 sa 180 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju
[39] Dok. MMC12, fol. 183 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju
[40] Fol. 205 sa 212 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju
[41] Fol. 213 sa 214 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju
[42] Fol. 215 sa 216 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju
[43] Fol. 218 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju
[44] Dok. MMC29, fol. 255 sa 267

29. L-attur ressaq ukoll b'xhud tieghu lill-konsulent Mario Farrugia[45], li kkonferma c-certifikati redatti minnu u ezibiti fl-atti. Qal li ra lill-attur l-ewwel darba f'Awissu 2020, u qallu li jbati minn sturdamenti qawwija, hass hazinijiet, u mbaghad rega' rah is-sena ta' wara, meta kien anke qed jintilef minn sensih. Qal li dan ghandu storja ta' epilessija, minn meta kien zghir, u ghalhekk bdieh bil-kura, u ddikjarah mhux tajjeb ghal xoghol li jesponih ghal riskji ghalih innifsu u ghal haddiehor. Skond ix-xhud, l-attur huwa tajjeb biex jahdem kullimkien imma mhux fl-gholi u lanqas fejn irid ihaddem makkinarju tqil. In kontroezami, ix-xhud qal li jaf dwar l-istorja medika antika tal-attur mill-fajl tal-isptar.

30. L-attur ressaq ukoll b'xhud tieghu lil Desmond Busuttil[46] li ddikjara li, bhala *handyman*, kien inaddaf u jaghmel li kien hemm bzonn, imma ma kienx isuq trakkijiet u lanqas jitla' fl-gholi. Meta ckienet is-sezzjoni, intbaghat isuq vettura regolari, u mbaghad applika u kien maghzul biex jaghmel xoghol fl-*istores*.

31. L-attur ressaq ukoll b'xhud tieghu lil Chris Vella[47], maniger dirett tal-attur fis-sezzjoni tal-*handymen*. Huwa qal li x-xoghol principali tal-attur f'din is-sezzjoni kien tal-*powerwashing*, u kien jaghmel ukoll tindif u xoghol manwali ta' minghajr sengha. Mieghu kien hemm nies jaghmlu x-xoghol ta' sengha, bhal tqeghid ta' madum. Xoghol l-attur ma kienx kumplikat u kien jaghmlu tajjeb. Fl-ahhar spicca lanqas ix-xoghol bil-*powerwashing* ma seta' jaghmel, minhabba li kien certifikat li kellu ugigh fi spalltu, u kien qed jitqabbad inaddaf, jiknes u jigbor il-karti.

32. In kontroezami[48], l-attur ikkonferma li meta kien zghir kien ibati bil-*fits*, imma mbaghad ma tawhx aktar u kien ghal kollox f'sahhtu meta dahal impjegat mal-kumpanija konvenuta. Huwa kkonferma li ma kienx avza b'din il-kundizzjoni li kellu lill-kumpanija konvenuta, skond hu ghaliex il-kundizzjoni kienet waqfet u kien bil-pilloli. Lanqas kien infurmaha li kellu dipressjoni. Skond hu, ma kellux ghalfejn jgharraf b'dawn il-kundizzjonijiet lit-tabib tal-kumpanija, meta staqsieh dwar l-istorja medika tieghu, u mbaghad kellu jsemmiehom meta l-kumpanija konvenuta sfurzatu jitla' fuq ic-*cherrypicker*. Huwa kkonferma li l-kumpanija konvenuta baghtitu jaghmel kors ta' tahrig fuq ic-*cherrypicker*, li mar ghamlu, u

[45] Ara xiehda, 17.3.2022, fol. 173 sa 176 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju
[46] Ara xiehda, 7.4.2022, fol. 223 sa 226 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju
[47] Ara xiehda, 22.4.2022, fol. 270 sa 276 fl-atti pprezentati mill-Assistent Gudizzjarju
[48] Ara xiehda, 21.6.2022, 238 sa 247

b'rizultat tieghu nghata certifikat ta' kompetenza biex juzah. Skond hu, sakemm ha t-tahrig, ma hassux hazin, imma meta beda b'dak ix-xoghol, beda jhossu hazin.

33. L-attur ikkonferma li kien dahal impjegat mal-kumpanija konvenuta bhala *Operator 2.5 lifter*, u ghal tmien snin ma kellux problemi, imbaghad hassu hazin u mar fis-sezzjoni tal-*handymen* biex ma jkunx ta' periklu. L-attur ikkonferma wkoll li kien jaf li l-kumpanija konvenuta thaddem sistema tax-xoghol bix-xifts, meta dahal jahdem maghha. Mistoqsi allura ghaliex m'gharrafhiex li kellu certifikat mediku minn snin qabel li x-xoghol bix-xift ma kienx jghodd ghalih, qal li nesa jaghmel dan.

34. Meta kompla jixhed in kontroezami[49], l-attur qal li qatt ma ppartecipa fil-vot li organizzat il-union dwar il-*back-to-back shift* fis-sezzjoni tal-*handymen*, u lanqas kien jaf li hadet vot, ghaliex huwa mhux mertu tal-union. L-attur qal li ma jiftakarx li l-kumpanija konvenuta talbitu jmur lura ghall-grad u x-xoghol originali tieghu, u minflok huwa hareg bis-*sickleave*. Qal li xtaq imur jahdem fl-*istores* fejn m'hemmx periklu ta' nies jew ingenji; u li ma kienx jaf li kien hemm vakanza ghall-*istores*. Ghal dik ir-raguni, qatt ma applika ghall-ebda post battal iehor li rreklamat il-kumpanija. L-attur accetta li fl-*istores* juzaw il-*forklifters*, pero' qal li dan ghal ftit sieghat biss kuljum, u mhux il-hin kollu. Huwa ddikjara li ma jhossx meta tkun gejja fuqu l-*fit*.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

**L-eccezzjonijiet tal-Konvenuti Dr. Borg Myatt u Joanna Calleja:**

36. L-ewwel kwistjoni li trid tqis u tiddeciedi dwarha din il-Qorti, fid-dawl tal-eccezzjonijiet imqajjma mill-konvenuti Dr. Borg Myatt u Calleja personalment, hija jekk dawn iz-zewg konvenuti humiex kuntraditturi legittimi ghat-talbiet attrici, u ghalhekk jekk ghandhomx legittimazzjoni passiva biex, fil-kapacita' personali taghhom, iwiegbu ghat-talbiet tal-attur. Ghalkemm iz-zewg konvenuti qajmu din l-eccezzjoni b'mod preliminari, u qabel kull kunsiderazzjoni ta' mertu, l-attur deherlu li ma kellux ghalfejn iressaq sottomissjonijiet dwarha, u ghalhekk, f'dak ir-rigward, din il-Qorti ghandha biss is-sottomissjonijiet tat-tlett konvenuti.

[49] Ara xiehda, 27.10.2022, fol. 249 sa 263

37. Irrizulta mill-provi li l-jedd pretiz mill-attur f'din il-kawza johrog mir-relazzjoni ta' mpjieg li huwa ghandu mal-kumpanija konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd, u li ilha ghaddejja b'mod kontinwu mis-sena 2008. L-involviment tal-konvenuti Borg Myatt u Calleja f'din ir-relazzjoni sehh unikament ghaliex huma wkoll impjegati, u rapprezentanti f'karigi gholjin, ta' din il-kumpanija, fejn jaghmlu xoghol fil-qasam tar-rizorsi umani taghha. Ma jirrizultax li kellhom, jew ghandhom, xi relazzjoni ohra mal-attur, jew li agixxew 'l hinn mill-parametri tas-setghat u l-funzjonijiet taghhom mal-principal Malta Freeport Terminals Ltd. Dana tikkonfermah ukoll l-istess kumpanija, kemm fl-eccezzjonijiet imressqa minnha u anke fis-sottomissjonijiet finali.

38. Ir-rekwizit tal-interess guridiku huwa presuppost ta' kull azzjoni, u jrid jirrizulta mhux biss fl-attur li jipprosegwi l-azzjoni, imma anke fil-konvenut li jkun mharrek biex iwiegeb ghal dik l-azzjoni, ghar-rigward tal-jedd prosegwit. Fis-sentenza **Agatha *sive* Agathina Formosa Gauci vs Avukat Dottor Francis Lanfranco et**[50] l-Qorti ghamlet rassenja tassew ezawrenti tal-gudikat dwar dak li jsawwar l-principji tal-interess guridiku li din il-Qorti u aktar recenti fis-sentenza **L-ispizjara Pierina Zammit et vs Is-Supretendent tas-Sahha Pubblika et**[51], il-Qorti fi prim'istanza ghamlet din ir-riferenza:

> *"Fis-sentenza* ***MrBookmaker.com Ltd vs Stitching De Nationale Sporttotalisator*** *mogħtija mill-Prim' Awla fis-17 ta' Mejju 2011 ġew elenkati b'mod eżawrjenti l-elementi u l-prinċipji regolanti l-interess ġuridiku:-*
> *- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta` jedd u jibqa` jezisti fil-kors kollu tal-kawza]*
> *- irid ikun dirett - irid ikun legittimu [konformi ghal dritt tal-attur, u mhux biss interess]*
> *-irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]*
> *- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta` vantagg u utilita`*
> *- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur*

[50] Prim'Awla tal-Qorti Civili 28.2.2002 per Onor Imhallef J. R. Micallef
[51] Appell, 15.11.2023, Rik. Gur. Nru. 958/17/1RGM

*- il-kawza li jipproponi tkun tista` tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.*
*- **Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u illegali allegatament kommess mill-konvenut**[52] u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir*
*- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista` jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv."*

39. Specifikament fir-rigward tal-interess guridiku tal-konvenut biex jitharrek f'kawza, u x'jaghmlu legittimu kuntradittur ghat-talbiet tal-attur, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Frankie Refalo noe vs Dr. Jason Azzopardi**[53] qalet hekk:

*"Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors **tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti**.*[54]

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha."*

40. Ezaminati l-eccezzjoni mill-ottika ta' dan l-insenjament, il-Qorti tinsab sodisfatta li l-azzjonijiet u d-decizjonijiet tal-konvenuti Borg Myatt u Calleja saru kollha, u unikament, fil-funzjonijiet rispettivi taghhom fil-qasam tar-rizorsi umani tal-kumpanija konvenuta , u fejn dawn kellhom impatt fuq l-impjieg tal-attur u t-twettiq ta' xoghlu, ittiehdu minnhom fil-kwalita' taghhom ta' ufficjali gholja, u rapprezentanti tal-istess kumpanija konvenuta, u mhux fil-kapacita' personali taghhom. Jirrizulta ghalhekk li huma kienu citati hazin f'dan il-gudizzju, fil-kapacita personali taghhom, u ghandhom ghalhekk ikunu liberati mill-osservanza ta' dan il-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur.

[52] Enfasi ta' din il-Qorti
[53] Qorti tal-Appell, 5.10.2001, Citaz. Nru. 1365/92AJM
[54] Enfasi ta' din il-Qorti

**Ikkunsidrat ukoll:**

**Il-mertu:**

41. Fil-mertu dwar l-ilment tad-diskriminazzjoni, ir-**Regolament 10(3)** tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.95[55] irid li l-impjegat jipprova *"fatti li minnhom wiehed jista' jippresumi li kien hemm xi diskriminazzjoni diretta jew indiretta"*. Ladarba ssir dik il-prova, il-principal ghandu l-oneru li juri *"li ma kien hemm ebda ksur tal-principju ta' l-ugwaljanza fit-trattament"* moghti lill-impjegat.

42. Stabbilit ghalhekk li l-konvenuti principali Dr. Borg Myatt u Calleja m'ghandhomx legittimazzjoni passiva biex iwiegbu ghat-talbiet tal-attur, din il-Qorti issa trid tara jekk hix sodisfatta, mill-provi li tressqu, li l-attur wera fatti indikattivi ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta, u f'kaz affermattiv, jekk it-tielet konvenuta, Malta Freeport Terminals Ltd, li hija citata minnu fil-gudizzju *"ghal kull interess li jista' jkollha"*, irnexxiliex turi li ma kienx hemm ksur tal-principju tal-ugwaljanza ghad-detriment tal-attur.

43. F'dan ir-rigward, din il-Qorti jidhirlha li ghandha tissenjala dawn ir-rizultanzi fattwali:

(i) l-attur kien ingaggat fis-sena 2008 fir-rwol ta' *Operator 2.5 lifter* u kien jahdem b'sistema ta' xifts;
(ii) sabiex seta' dahal f'dan l-irwol mal-kumpanija konvenuta, l-attur kien ipprezenta certifikazzjonijiet medici li ma jbati mill-ebda mard kroniku, u li lanqas kellu storja ta' kundizzjonijiet medici – b'mod partikolari, huwa ma kienx gharraf lill-kumpanija konvenuta li minn kwazi ghoxrin sena qabel kellu kundizzjonijiet medici li kienu jaghmluh mhux addattat biex jahdem b'makkinarju kbir, u li hames snin qabel kellu dipressjoni u kien qed jircievi l-kuri ghaliha, u minhabba f'hekk ma kienx tajjeb biex jahdem f'sistema ta' xifts;
(iii) fl-2015, applika ghal vakanza li kellha l-kumpanija konvenuta, u kien maghzul biex jahdem fis-sezzjoni tal-manutenzjoni, fejn principalment kien jahdem bil-*powerwash*;
(iv) f'Jannar 2020, kien certifikat li kellu kundizzjoni medika fi spalltu li minhabba fiha ma setax jahdem aktar bil-*powerwash* u kien inghata xoghol ehfef ta' tindif;

---

[55] Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjiegi

(v) meta fegghet il-marda COVID u l-kumpanija konvenuta kellha bzonn issahhah is-sezzjoni tat-tindif li kienet parti mid-dipartiment li kien jahdem fih l-attur, organizzat ix-xoghol b'mod li l-haddiema jahdmu *back-to-back shift*, b'anqas hin ta' mistrieh, bi qbil mal-unjin, pero' l-attur oggezzjona ghall-imposizzjoni ta' din is-sistema tax-xoghol ghab-bazi tal-klawsola 3.7 tal-Ftehim Kollettiv;

(vi) f'Awissu 2020, l-attur ipprezenta certifikazzjoni medika li ma kienx f'qaghda jaghmel xoghol fl-gholi, u fuq makkinarju kbir, minhabba kundizzjoni pre-ezistenti ta' sturdamenti;

(vi) f'Gunju 2021, l-attur ipprezenta certifikazzjoni medika li kien tajjeb ghax-xoghol basta ma jahdimx fl-gholi u b'makkinarju kbir, u dan biex jevita riskji ghalih u ghal haddiema ohra;

(vii) minhabba f'dawn id-diffikultajiet, u diffikultajiet ohra li holoq impjegat iehor fl-istess sezzjoni, il-kumpanija ddecidiet li eventwalment tnehhi din is-sezzjoni, ghaliex setghet tahdem ahjar jekk is-servizzi jigi pprovdut minn kuntrattur. Fl-ewwel fazi, inzammu l-ewwel hamsa mill-haddiema li kien hemm jahdmu fid-dipartiment, f'gerarkija ta' *seniority*, bl-eskluzjoni tal-attur u impjegati ohra, u wara li rrizenja l-hames wiehed, postu baqa' battal bl-intiza li d-dipartiment jispicca ghal kollox;

(viii) minhabba f'dawn l-izviluppi, l-attur intbaghat lura ghax-xoghol li kellu meta kien originarjament impjegat minnha, pero' huwa pprezenta lill-kumpanija konvenuta certifikazzjonijiet medici antiki dwaru nnifsu fejn kien certifikat li jbati mill-kundizzjoni tal-epilessija, u wkoll mid-dipressjoni, li minhabba fihom kien rakkomandat li jevita li jahdem b'makkinjarju goff, u b'sistemi ta' xiftijiet;

(ix) fuq il-parir tat-tabib ingaggat minnha, wara li rat dan kollu, il-kumpanija konvenuta waqqfet lill-attur milli jkompli jaghtiha s-servizzi tieghu minhabba inkapacita', u heggitu japplika ghall-postijiet vakanti li jkollha minn zmien ghal zmien, u li setghu kienu addattati ghall-kundizzjonijiet medici tieghu, pero' l-attur qatt ma ghamel ebda applikazzjoni f'dak ir-rigward.

44. L-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali[56], li tahtu jinsabu promulgati r-Regolamenti rilevanti, jfisser *'trattament diskriminatorju'* bhala li jikkomprendi *"kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika inkluża diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-istat konjugali, tqala, jew tqala potenzjali, sess, kulur, diżabilità, twemmin reliġjuż, opinjoni politika jew sħubija fi*

[56] Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta

*trade union, jew f'assoċjazzjoni ta' prinċipali".*[57] B'mod aktar specifiku, u b'ezempju, l-**art. 26(2)(c)** tal-istess ligi jsemmi bhala *"trattament diskriminatorju" "azzjonijiet li bihom il-prinċipal xjentement jimmaniġġa x-xogħol, iqassam il-biċċiet ta' xogħol jew mod ieħor jirranġa l-kondizzjonijiet tax-xogħol hekk li impjegat ikun assenjat status li manifestament ikun anqas favorevoli minn oħrajn abbażi ta' trattament diskriminatorju."*

45. Il-Qorti tqis li jkun utili li ssir referenza ghal dak ritenut fis-sentenza **Rita Vella vs Tabib Principali tal-Gvern et**[58] fen l-Qorti tal-Appell ghamlet taghha s-segwenti tifsira ta' diskriminazzjoni fl-ambitu ta' mpjiegi:

> *"biex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna, jeħtieġ jirriżulta li (a) jkun ingħata lil dik il-persuna trattament differenti minn dak mogħti lil xi persuna jew għadd ta' persuni oħrajn; (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbaħha; (ċ) li t-trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq; u (d) li f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita' bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat".*

46. Kemm fil-kors tal-provi tieghu, u anke fis-sottomissjonijiet finali, l-attur insista li kien diskriminat ghaliex inforza l-jedd tieghu, skond il-klawsola 3.7 tal-Ftehim Kollettiv, li ma joqghodx ghall-*back-to-back shift* kontra r-rieda tieghu, u li l-okkorrenzi li segwew fid-dipartiment tal-*handymen*, inkluz it-tnaqqis tal-haddiema ingaggati fih, in-nuqqas ta' sostituzzjoni tal-impjegat li rrizenja, u eventwalment l-gheluq tieghu u l-ghoti tal-inkarigu lill-kuntrattur minflok, kienu kollha motivati minn animu ta' tpattija kontrieh proprju minhabba li nsista ghat-twettiq ta' dak il-jedd tieghu.

47. Wara li xtarret sewwa l-provi kollha li tressqu, u b'mod partikolari, (i) is-sekwenza u l-kontenut tac-certifikazzjonijiet medici li l-attur ipprezenta dwaru nnifsu, (ii) l-mod kif wiegeb ghall-mistoqsijiet fil-kontroezami tieghu, u (iii) il-provi li tressqu dwar allegati kazijiet simili fejn l-attur jghid li l-kumpanija konvenuta mxiet differenti milli mxiet mieghu, din il-Qorti ma ssibx li l-attur ipprova l-elementi tad-diskriminazzjoni ghad-dannu tieghu kontra l-kumpanija konvenuta. Ghalkemm, fil-kors tal-provi tieghu, l-attur ghamel riferenza ghal bosta impjegati b'isimhom, biex juri li dawn kienu f'cirkostanzi simili ghal tieghu, u li b'kuntrast mal-mod kif

[57] **Art. 2**, Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali
[58] Appell, 26.1.2022, Rik. Gur. Nru. 140/12/1JRM

imxiet mieghu, il-kumpanija konvenuta akkomodathom fic-cirkostanzi partikolari taghhom u ezentathom minn obbligi, jew sabitilhom alternattivi tax-xoghol li ssodisfaw il-htigijiet taghhom, fil-verita' xejn minn dan ma rrizulta ppruvat. Anke fir-rigward ta' mpjegati li ottjenew decizjoni favorevoli minn qorti jew tribunal, kontra l-kumpanija konvenuta, ma jirrizultax pruvat li din bidlet il-prattici tax-xoghol taghha hlief safejn kienet ordnata taghmel hekk fil-process partikolari. Kull min kien ezentat ghal zmien mill-iskedi, jew l-obbligi, tax-xoghol, gawda minn dik l-ezenzjoni ghal zmien qasir, jew definit. L-istess ghamlet mal-attur meta danipprezenta certifikazzjoni medika ghal zmien definit dwar li kellu ugigh fi spalltu fil-bidu tas-sena 2020, u qabel ma faqqghet il-COVID. Minkejja li x-xoghol bil-*powerwash* kien prattikament l-uniku xoghol li kellu hila jaghmel fis-sezzjoni li kien jahdem fiha, twaqqaf minnu wkoll bi tnaqqis car tal-utilita' tieghu ghall-kumpanija konvenuta f'dik is-sezzjoni wara certifikazzjoni minnu produta ta' ugiegh fi spalltu;

48. Aktar minn hekk, il-pretiza tal-attur li l-kumpanija konvenuta taghtih xoghol li ma jinvolvix xoghol fl-gholi, jew b'makkinarju kbir, meta (i) kien originarjament ingaggat mal-kumpanija konvenuta proprju biex jaghmel dak ix-xoghol, u kien hekk igaggat ghax heba minnha l-kundizzjonijiet medici li kjarament kien jaf li kellu, inkluz ir-riskji taghhom; u (ii) jistenna li jaghmel xoghol li jinkludi funzjonijiet simili – bhas-sewqan tal-*forklifter* fl-*istores* – semplicement ghax ihoss li l-hin li matulu ser ikun qed jesponi ruhu ghar-riskji b'dak it-tip ta' xoghol huwa relattvament zghir (tlieta minn tmien sighat kuljum) u limitat, twassal lil din il-Qorti ghall-konvinciment morali, fuq bilanc ta' probabiltajiet, li mill-bidu tas-sena 2020, l-attur kien iddecieda li ma riedx jibqa' jahdem fis-sezzjoni tal-*handymen*, u beda jsib l-iskuzi biex jinghata xoghol ta' anqas responsabbilta' u strapazz, fejn xtaq hu (ifittex il-*containers*, jew fl-*istores*).

49. Bil-maqlub tal-pretensjoni tal-attur, mill-provi li ressaq huwa stess, jirrizulta li l-impjegati li kellhom diffikultajiet, u bidlu l-*job description* b'mod permanenti ghall-kumdita' taghhom, ghamlu dan wara li applikaw ghal vakanzi li ppublikat il-kumpanija konvenuta, u ntghazlu ghalihom, l-istess kif ghamel l-attur innifsu fl-2015. Ma kien hemm xejn x'josta lill-attur li jaghmel l-istess mill-bidu tas-sena 2020 'il quddiem. In-nuqqas tieghu li jaghmel dan, anke wara li nvolva lill-avukat tieghu, u beda jircievi l-avvizi tal-vakanzi bil-posta, jkompli jikkonferma kemm l-interess principali tal-attur

kien li jaghzel hu x-xoghol li jaghmel, u kif jaghmlu, u mhux li jaqdi dmirijietu skond il-funzjoni tieghu fuq il-post tax-xoghol.

50. Fil-mertu ghalhekk, din il-Qorti mhix sodisfatta li l-attur irnexxielu jipprova li kumpanija konvenuta tat trattament differenti lill-attur, minn ta' haddiema ohra f'sitwazzjoni simili ghal tieghu.

51. Kwantu, imbaghad ghall-allegazzjoni li l-attur garrab ksur ta' ligi meta l-kumpanija konvenuta ddecidiet li ccekken, u eventwalment timxi ghall-gheluq, tas-sezzjoni tal-*handymen*, u minflok tikkuntratta b'appalt dan is-servizz minghand kuntrattur barrani, meta jirrizulta car li l-kumpanija konvenuta ghamlet dan kollu b'mod li telimina lill-attur minn din is-sezzjoni, u b'ritaljazzjoni tibghatu lura ghax-xoghol originali tieghu li kienet taf li kellu ragunijiet medici biex ma jaghmilx aktar, din il-Qorti tibda billi tikkunsidra jekk il-kumpanija konvenuta kellhiex jedd tiddeciedi li tnehhi din is-sezzjoni, u tinkariga kuntrattur biex jipprovdi l-istess servizz b'kuntratt ta' appalt.

52. Fis-sottomissjonijiet tieghu, l-attur jargumenta li dan l-agir tal-kumpanija konvenuta huwa illecitu ghaliex jikser l-obbligi li ghandha skond ir-Regolamenti dwar Harsien tal-Impjiegi fit-Trasferiment ta' Negozju (L.S. 452.85).

53. Irrizulta mill-provi li x-xoghol li kienet taghmel is-sezzjoni tal-*handymen* fil-port hieles ma kienx centrali, jew determinanti, ghall-iskopijiet kummercjali, u ghall-objettiv tan-negozju, tal-kumpanija konvenuta. Dan ix-xoghol kien ghal kollox periferali, kif spjega tajjeb il-konvenut Dr. Borg Myatt, u l-komposizzjoni tas-sezzjoni min-numru ferm limitat ta' impjegati, paragunat mal-qies tal-intrapriza, il-funzjoni taghha fis-suq Malti, u n-numru kbir ta' impjegati li ghandha biex taqdi dik il-funzjoni ta' negozju, jixhdu dan. Effettivament, l-importanza tas-sezzjoni kiber mas-sehh tal-marda COVID, ghal ragunijiet ovvji, pero' f'dak il-perjodu wkoll, l-attur kien qed jaghti kontribut limitat bix-xoghol tieghu minhabba li x-xoghol principali li ghalih kien addett, bil-*powerwash*, kien wieqaf temporanjament minnu ghal ragunijiet ta' sahha, u mbaghad kellu diffikulta' wkoll li jahdem bhall-bqija bis-sistema tax-xift. Din il-Qorti ghalhekk tqis li d-decizjoni li hadet il-kumpanija konvenuta, li taghlaq din is-sezzjoni zghira li ma baqghetx taqdi l-funzjoni periferali taghha b'mod efficjenti u effettiv minhabba f'dawk l-izvilupp, ma kienet tammonta ghal *"trasferiment"* ta' negozju, u lanqas ghal *"bidla fil-forniment ta' servizz"* kif imfissra fl-istess

Regolamenti fl-ambitu tal-**art. 38** tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. Kif qalu diversi drabi dawn il-Qrati[59], il-principal ghandu jedd, u obbligu wkoll, li jorganizza x-xoghol fi hdanu b'mod effettiv, biex jibqa' kompetittiv, fl-interess ahhari tal-azjenda u tal-impjegati kollha taghha, u fic-cirkostanzi ppruvati, din il-Qorti jidhrilha li l-ghan ahhari tal-kumpanija konvenuta kien proprju dak, u ghalhekk oggettivament gustifikabbli u proporzjonat.

54. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(i) tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Dr. Duncan Borg Myatt u tilliberah mill-osservanza ta' dan il-gudizzju;

(ii) tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Joanne Calleja u tilliberaha mill-osservanza ta' dan il-gudizzju;

(iii) tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Malta Freeport Terminals Limited u konsegwentement tichad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attur.

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

**Nicole Cini**
**Deputat Reġistratur**

[59] Ara fost ohrajn **Olivia Ann Camilleri vs HSBC Bank (Malta) plc**, Appell (Inferjuri), 18.1.2023, Appell Nru. 25/22LM; u **Aften Schembri et vs Playmobil Malta Limited**, Appell (Inferjuri), 16.6.2021